16 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Barbara *versus* George Parnis England et. ne.

## Bejgħ — Aġent — Danni — Kawżali — Ekwipollenza

*Jekk il-kumpratur lokali jkun xtara minn għand ditta estera per mezz tal-aġenti tagħha hawn Malta, huwa għandu jaġixxi kontra d-ditta estera, fil-każ li jirreklama xi danni minħabba inadempjenza tad-ditta estera. U jekk jaġixxi kontra ditta lokali li hija l-aġent tad-ditta estera huwa għandu jaġixxi kontra d-ditta lokali mhux personalment, imma bħala aġent tad-ditta ta' barra.*

*Billi d-ditta lokali tassumi personalment li tirmedja għall-inadempjenza tad-ditta estera, dan ma jġibx illi l-azzjoni għad-danni għandha tiġi diretta kontra d-ditta lokali. Billi l-aġent, għal raġunijiet tiegħu, jipprometti u jassumi personalment lejn il-kumpratur li jagħmel tajjeb għall-inadempjenza tal-prinċipal tiegħu, b'daqshekk ma jassumix il-libsa tal-venditur, u ma jirrendix ruħu responsabbli għall-konsegwenzi u danni kollha li jirriżultaw mill-inadempjenza tad-ditta estera, imma biss għal dawk il-konsegwenzi u danni li dwarhom huwa jkun assuma rresponsabilità.*

*Lanqas tista' azzjoni simili, bażata fuq l-inadempjenza tad-ditta estera u diretta għad-danni konsegwenzjali kontra l-aġent lokali personalment, tiġi sostnuta bil-kriterju tal-ekwipollenza; għax l-ekwipollenza teżisti biss meta si tratta ta' l-istess ħaġa li tingħad bi kliem differenti, mentri l-inadempjenza tad-ditta estera hija ħaġa, u ħaġa oħra hija l-assunzjoni tal-aġent li jagħmel tajjeb għall-inadempjenza tal-principal tiegħu. Biex it-talba setgħet tiġi rivolta kontra l-aġent personalment, kien hemm bżonn li bħala kawżali tiġi ndikata l-obligazzjoni assunta minnu personalment, u illi t-talba tiġi formulata skond l-oġġett ta' dik l-obligazzjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi hu, bħala kuntrattur tal-Gvern Ċivili u tas-Servizzi għall-fornitura tal-larinġ, għamel ordinazzjoni lid-ditta konvenuta għal 1100 kaxxa larinġ ta' Ċipru, bil-prezz ta' £2 l-kaxxa, u bil-kondizzjoni espressa, però, illi dawk il-kaxxi kellhom jikkontjenu għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) minnhom 240 larinġa, 25% oħra minnhom 210 larinġiet, 25% oħra minnhom 180 larinġa, u kwantu għall 25% l-oħra 150 larinġa; u li din il-fornitura tal-larinġ fil-kwistjoni, li waslet Malta ex S.S. Cavallo f'nofs April ta' din is-sena u ġiet ritirata mill-attur, ma kienetx skond l-ordni u l-ftehim, għaliex il-kaxxi kienu jikkontjenu kwantitativ ta' larinġ ferm anqas minn dak konvenut, kif jirriżulta mid-dokument "A", u minħabba f'hekk huwa sofra danni rilevanti, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab, previa kull dikjarazzjoni meħtieġa u provvediment li jmiss, speċjalment id-dikjarazzjoni illi l-fornitura tal-larinġ imsemmi ma kienetx skond l-ordni, u l-kaxxi kienu jikkontjenu kwantitativ ta' larinġ ferm anqas minn dak konvenut, illi l-konvenuti nomine jiġu dikjarati responsabbli tad-danni li in konsegwenza ta' dan in-nuqqas ġew minnu sofferti fil-fornitura tal-larinġ in kwistjoni — danni li jiġu likwidati, okkorrendo, bl-opera ta' periti, f'dan jew f'ġudizzju separat. Bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjeż, komprizi dawk tas-sekwestru kawtelatorju tas-26 ta' April, 1956;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine, kif minnu spjegata fid-dikjarazzjoni tiegħu u waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għandha tiftiehem fis-sens illi, peress li fl-operazzjoni d-ditta konvenuta aġixxiet bħala aġenti tad-ditta estera "E. Hadjisotirion", minn għand min l-attur xtara l-larinġ in kwistjoni, ma jmisshiex ġiet konvenuta personalment, imma bħala aġenti u in rappreżentanza tal-istess ditta estera;

Tikkunsidra, dwar din l-eċċezzjoni;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-bejgħ tal-larinġ in kwistjoni ma sarx lill-attur mid-ditta konvenuta, imma mill-imsemmija ditta estera per mezz tad-ditta konvenuta, aġenti tagħha; u jirriżulta wkoll li l-attur kien jaf, jew imissu kien jaf, li kien qiegħed jixtri minn għand id-ditta ta' barra. Hu biżżejjed li jiġi rilevat, a propożitu, illi l-prezz kellu jitħallas kontra dokumenti, fosthom il-fattura tal-istess dar estera; u dan apparti ċirkustanzi oħra pruvati, li juru illi l-attur ittratta mad-ditta konvenuta bħala aġenti ta' l-imsemmija ditta estera;

Illi, bħala waħda mill-provi li l-attur adduċa in sostenn tal-pretenzjoni tiegħu li huwa xtara minn għand id-ditta konvenuta, huwa d-dokument fil-fol. 20 tal-proċess. Skond dan id-dokument, li huwa l-ittra diretta lill-attur mid-ditta konvenuta, dina kkonfermat li l-attur imissu rċieva 550 kaxxa larinġ tad-daqsijiet 210 u 240, u kitbitlu illi, jekk huwa rċieva anqas, huma, jew ibiegħulu l-bilanċ bl-istess prezz, jew iħallsu lilu d-differenza fil-prezz skond is-suq lokali fuq id-daqsijiet l-oħra. Dan huwa, difatti, it-tenur ta' dik l-ittra:— "We confirm that you should have received 550 cases oranges sizes 210 and 240. Should you have received less, we will either sell the balance at the same price or pay you the difference in price according to the local market on the other sizes";

Illi l-konvenut John Parnis England xehed illi, meta d-ditta konvenuta kitbet lill-attur l-ittra fuq riferita, l-istess ditta konvenuta ntendiet tassumi personalment, u mhux bħala aġenti tad-dar stess, l-obligazzjonijiet riżultanti minn dik l-istess ittra;

Illi dana, però, ma jġibx li l-venditriċi kienet jew saret id-ditta konvenuta. Din biss assumiet personalment li "tirmedja għall-inadempjenza tad-ditta venditriċi f'waħda mill-manjiri ndikati fl-imsemmija ittra. Lanqas ma assumiet l-obligu li tirrispondi hija personalment għall-konsegwenzi kollha, jiġifieri għad-danni kollha li l-attur seta' jsofri minħabba l-inadempjenza tad-ditta venditriċi;

Illi l-konvenut irrileva illi d-domanda tal-attur ma tistax tiġi eżaminata u deċiża in bażi għall-imsemmija obligazzjonijiet assunti personalment mid-ditta konvenuta, għarraġuni li dawn jikkostitwixxu kawżali diversa minn dik li fuqha ġiet bażata d-domanda;

Illi, tabilħaqq, hija ħaġa l-inadempjenza tal-venditur u ħaġ'oħra l-fatt tal-aġent li bih, għar-raġunijiet tiegħu, jipprometti u jassumi personalment lejn il-kumpratur li jagħmel tajjeb għall-inadempjenza tal-prinċipal tiegħu. Fl-ewwel każ, id-drittijiet tal-kumpratur joħorġu mill-inadempjenza tal-venditur; fit-tieni każ, mill-obligazzjoni personali tal-aġent; u bejn każ u ieħor ma tistax tiġi ravviżata l-ekwipollenza, billi din teżisti biss meta tkun tista' tingħad l-istess ħaġa bi kliem differenti. Propożizzjonijiet ekwipollenti huma, difatti, dawk li bi kliem divers jgħidu l-istess ħaġa; molto pjù fil-każ preżenti, billi d-ditta konvenuta, bil-promessa u bl-obligazzjoni li assumiet, ma libsetx il-libsa tal-venditur; ma rrendietx ruħha responsabbli għall-konsegwenzi, għad-danni kollha, imma biss għal dak li jirriżulta mill-ittra fuq riferita; u għalhekk, biex it-talba setgħet tiġi rivolta kontra d-ditta konvenuta personalment, kien hemm bżonn li bħala kawżali tiġi ndikata l-imsemmija obligazzjoni assunta

mid-ditta konvenuta personalment, u l-istess talba tiġi formulata skond l-oġġett ta' dik l-obligazzjoni;

Għall-motivi premessi;

Tilqa' l-eċċezzjoni u tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.